KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.7.2007
KUMM(2007) 447 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

It-Tieni Rapport dwar il-Progress Tal-Qafas ta' Referenza Komuni

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

It-Tieni Rapport dwar il-Progress Tal-Qafas ta' Referenza Komuni

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor il-progress tal-ħidma fuq il-Qafas ta' Referenza Komuni (CFR – *Common Frame of Reference*) mindu ġie ppubblikat l-Ewwel Rapport dwar il-Progress fl-2005, u jissodisfa l-impenn ta' l-għoti ta' aġġornamenti regolari dwar din il-ħidma.

2. PRIJORITAJIET ĠODDA TAL-KWISTJONIJIET MARBUTA MAL-LIĠI TAL-KUNTRATTI TAL-KONSUMATUR

Fir-rapport preċedenti tagħha, il-Kummissjoni ħabbret li se tipprijoritizza l-ħidma tas-CFR dwar kwistjonijet marbuta mal-kuntratti tal-konsumaturi, sabiex tiżgura li jingħata kontribut f'waqtu lir-reviżjoni ta' l-*acquis* tal-konsumatur.

Il-Kunsill tal-Kompetittività[1] segwa l-istess linja u stqarr li l-iskeda ta' suġġetti direttament rilevanti għar-reviżjoni għandha tinbidel u dawn għandhom jiġu indirizzati fi stadju iktar bikri milli kien maħsub qabel. Fl-organizzazzjoni tal-*workshops* ta' l-2006, ingħatat prijorità lis-suġġetti marbuta mal-liġi tal-kuntratti tal-konsumaturi[2]: bejgħ lill-konsumatur, tagħrif pre-kuntrattwali, termini inġusti, id-dritt għall-irtirar u d-dritt għall-kumpens għad-danni. Is-sejbiet tar-riċerkaturi dwar dawn il-kwistjonijiet u d-diskussjonijiet fil-*workshops*, flimkien mar-riżultati ta' ħidma preparatorja oħra, servew bħala kontribut għall-*Green Paper* dwar ir-reviżjoni ta' l-*acquis* tal-konsumatur li l-Kummissjoni adottat fis-7 ta' Frar 2007.

Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, in-netwerk tar-riċerka, iffinanzjat permezz tas-Sitt Programm ta' Qafas, issokta jressaq abbozzi għat-tħejjija tas-CFR, fi qbil mal-ftehim ta' l-għoti.

Sabiex ikun żgurat li l-materjali marbuta ma' l-*acquis* tal-konsumatur jiġu ttratati bħala prijorità, ir-riċerkaturi qablu li jaqsmuhom fi tliet kategoriji:

"Reviżjoni ta' l-*Acquis*": materjal dwar suġġetti tal-liġi kuntrattwali indirizzati fl-*acquis* dwar il-konsumatur ta' l-UE u materjal li jista' jiċċara, jwessa' jew jibdel l-*acquis* dwar il-konsumatur ta' l-UE. Eż., fir-rigward ta' tagħrif prekuntrattwali, dan ikkonċerna materjal dwar "dmirijiet ta' tagħrif prekuntrattwali".

---

[1] Il-Kunsill tal-Kompetittività ta' l-Unjoni Ewropea, 28/29 ta' Novembru 2005 14155/05 (Press 287)

[2] Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, saru 11-il workshop, li ħamsa minnhom ma kellhomx speċifikament x'jaqmsu ma' kwistjonijiet tal-konsumatur: Kontenut u effetti ta' kuntratt, Problemi marbuta mal-kummerċ elettroniku, l-Awtorità ta' l-aġenti, l-Istruttura tas-CFR, l-Assigurazzjoni

"Rilevanti direttament": materjal dwar suġġetti tal-liġi kuntrattwali ġenerali li huma direttament rilevati għall-*acquis* tal-konsumatur ta' l-UE, jiġifieri kunċetti ta' liġi kuntrattwali nazzjonali li huma presupposti fl-*acquis* ta' l-UE kif inhu bħalissa. Eż., fir-rigward tad-dritt ta' rtirar, dan ikkonċerna materjal dwar "il-ħin ta' konklużjoni tal-kuntratt".

"Sfond essenzjali": materjal dwar suġġetti tal-liġi kuntrattwali ġenerali li jipprovdu sfond essenzjali li fuqu jeħtiġilhom jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' l-UE. Eż., fir-rigward ta' tagħrif prekuntrattwali, dan ikkonċerna materjal dwar "il-prinċiplu ta' fidi tajba u negozju ġust".

Fil-*workshops*, il-materjali tar-"reviżjoni ta' l-*acquis*" ġew diskussi bi prijorità, u mbagħad saret diskussjoni dwar il-materjal "rilevanti direttament" jekk il-ħin ippermetta. L-iskop ta' l-"isfond essenzjali" kien primarjament wieħed informattiv.

In-netwerk ta' esperti tal-partijiet interessati (CFR-net), li bħalissa jikkonsisti minn 176 rappreżentant tan-negozji u l-konsumaturi u prattikanti tal-liġi mill-pajjiżi Ewropej, issokta jaħdem billi ħa sehem fil-*workshops* u ta l-kummenti tiegħu dwar l-abbozzi żviluppati mir-riċerkaturi.

In-netwerk ta' esperti ta' l-Istati Membri, li jikkonsisti minn esperti tal-liġi kuntrattwali li jirrappreżentaw l-Istati Membri, iltaqa' darbtejn.

3. KWISTJONIJIET SOSTANTIVI LI ĦARĠU MILL-*WORKSHOPS* TAS-CFR

3.1. *Workshops* dwar il-liġi kuntrattwali ta' l-UE

Il-kwistjonijiet ewlenin diskussi fil-*workshops* tal-konsumatur jinsabu rrappurtati hawn taħt. Il-Kummissjoni se tqis dawn il-kunsiderazzjonijiet matul il-proċess ta' elaborazzjoni tas-CFR kif ukoll għall-ħidma tagħha fuq ir-reviżjoni ta' l-*acquis* tal-konsumatur.

Kunċett ta' Konsumatur u Professjonist

Il-kwistjonijiet ewlenin diskussi inkludew li ġej:

- **Persuni legali:** kien hemm qbil ġenerali li persuni naturali biss għandhom ikunu inklużi fid-definizzjoni ta' konsumatur

- **Tranżazzjonijiet bi skopijiet differenti:** ġiet diskussa l-possibilità li jitqiesu tranżazzjonijet bi skopijiet differenti li jaqgħu parzjalment barra mill-isfera professjonali bħala tranżazzjonijiet tal-konsumaturi

- **Interrelazzjoni bejn id-definizzjonijiet proposti ta' konsumatur u professjonist:** xi esperti minn partijiet interessati qiesu li d-definizzjonijiet ta' konsumatur u professjonist għandhom jikkorrispondu għal xulxin u jkunu reċiprokament esklussivi.

Termini Inġusti

Il-kwistjonijiet diskussi inkludew li ġej:

- **L-ambitu ta' l-applikazzjoni tat-test ta' l-inġustizzja:** l-inklużjoni ta' termini nnegozjati individwalment ġiet diskussa. Ma kienx hemm qbil bejn l-esperti tal-partijiet interessati dwar din il-kwistjoni

- Fir-rigward ta' l-esklużjoni mit-test ta' l-inġustizzja **tas-suġġett ewlieni u l-adegwatezza tal-prezz,** il-partijiet interessati qiesu li ma għandux ikun hemm kontroll dwar l-adegwatezza tal-prezz li jkun jinsab f'terminu ta' kuntratt.

Tagħrif prekuntrattwali

Ġew diskussi l-kwistjonijiet li ġejjin:

- **Id-dmir li jingħata tagħrif dwar prodotti u servizzi:** l-esperti tal-partijiet interessati sabu r-regola ġenerali proposta li tirrikjedi li jinkixef it-tagħrif kollu rilevanti li l-parti opposta tista' tkun teħtieġ sabiex tagħmel deċiżjoni infurmata bis-sħiħ (partikolarment tagħrif rilevanti fl-evalwazzjoni tal-kwalità u r-rendiment li għandhom ikunu mistennija) wiesgħa wisq u qiesu li tista' twassal għal inċertezza legali. Huma saħqu dwar il-possibilità li jiffokaw fuq setturi speċifiċi (eż. il-liġi kuntrattwali ta' l-assigurazzjoni, is-servizzi finanzjarji)

- **Dmir li jingħata tagħrif meta jkun qed jiġi konkluż kuntratt ma' konsumatur li jkun jinsab fi żvantaġġ partikolari:** l-esperti tal-partijiet interessati apprezzaw din id-dispożizzjoni filwaqt li ppruvaw jistqarru, f'għamla ġenerali, iċ-ċirkostanzi meta l-*acquis* jimponi dmirijiet ta' tagħrif fuq negozju ma' konsumatur. Skond dawn l-esperti, din id-dispożizzjoni għandha tintuża bħala bażi jew linja ta' gwida komuni biex tiddefinixxi l-katalgu ta' tagħrif ewlieni prekuntrattwali li għandu jingħata lill-konsumatur.

- **Rimedji għall-ksur tad-dmirijiet ta' l-għoti ta' informazzjoni**: l-esperti tal-partijiet interessati għamlu l-punt li l-konsegwenzi ta' ksur ta' obbligi għall-għoti ta' tagħrif prekuntrattwali huma ta' importanza kbira għall-konsumaturi. L-abbozz tar-riċerkaturi jipproponi li jittawwal il-perjodu *cooling-off* bħala rimedju għall-ksur tad-dmirijiet ta' għoti ta' tagħrif fil-kuntest ta' kuntratti li minnhom il-konsumatur ikollu d-dritt jirtira. Il-kwistjoni tal-konklużjoni ta' kuntratt fuq il-bażi ta' tagħrif falz jew qarrieqi ma ġietx indirizzata speċifikament f'dan il-kuntest.

L-ewwel *workshop* dwar il-bejgħ lill-konsumatur

Ġew diskussi l-kwistjonijiet li ġejjin:

- Il-possibilità li **l-kunċett ta' prodotti** jitwessa' għal tipi oħra ta' assi kif previst mill-Artikolu 1:105 ta' l-abbozz tar-riċerkaturi[3]: bosta esperti tal-partijiet interessati stqarru li s-"softwer" u, b'mod iktar ġenerali, id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, għandhom jiġu koperti. Il-Kummissjoni stiednet lir-

[3] jiġifieri sabiex jinkludi l-elettriku, it-tagħrif u d-*data* (inkluż is-softwer) u għamliet oħra ta' proprjetà inkorporeali.

riċerkaturi biex jirriflettu għal liema prodotti tista' tiġi estiża d-definizzjoni u liema aġġustament għandu jsir

- **Kunsinna – Ħin tal-kunsinna – Rabta mat-trasferiment tar-riskju:** ġiet diskussa l-possibilità li jiddaħħlu regoli dwar it-trasferiment tar-riskji. Il-pożizzjonijiet kienu diverġenti. Ġie mfakkar li din il-kwistjoni kienet diskussa b'mod intensiv fil-Kunsill waqt l-adozzjoni tad-Direttiva 1999/44/KE dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom

- **Il-waqt rilevanti għall-istabbiliment tal-konformità**: it-trasferiment tar-riskji ġeneralment jitqies bħala l-waqt xieraq biex tiġi evalwata l-konformità. Ir-riċerkaturi qablu li jiġi ċċarat li f'xi sitwazzjonijiet, pereżempju, ħsara kkawżata minn imballaġġ mhux adegwat, il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli għad-difetti li joħorġu wara t-trasferiment tar-riskji, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Bejgħ Internazzjonali ta' Prodotti.

<u>It-tieni *workshop* dwar il-bejgħ lill-konsumatur (rimedji)</u>

Il-*workshop* indirizza r-rimedji għall-ksur ta' kuntratt. Il-kwistjonijiet diskussi inkludew:

- **Il-ġerarkija ta' rimedji għan-nuqqas ta' konformità:** xi esperti ta' partijiet interessati ma qablux li tiġi prevista ġerarkija minn fost ir-rimedji, għaliex il-konsumatur għandu jkollu l-possibilità li jagħżel minn fost ir-rimedji u ma għandux ikollu jistenna li jiġu eżerċitati l-possibilitajiet l-oħra kollha qabel jittermina l-kuntratt. Esperti oħra tal-partijiet interessati ddefendew l-interessi tal-bejjiegħ u għażlu li tinżamm il-ġerarkija ta' rimedji kif previst fid-Direttiva 1999/44/KE dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom

- **Is-sitwazzjonijiet meta tista' sseħħ it-terminazzjoni tal-kuntratt:** il-kwistjonijiet diskussi kienu: kemm għandu jkun tard it-twettiq ta' kuntratt qabel tkun tista' sseħħ terminazzjoni, jekk jaqbilx li tiġi ffissata data ta' skadenza għat-twettiq, u liema sitwazzjonijiet kieku jitqiesu bħala nuqqas ta' twettiq fundamentali għaliex id-definizzjoni ta' dan il-kunċett deher li joħloq xi diffikultajiet.

- **Il-notifika lill-bejjiegħ tad-difetti li nstabu/kellhom jinstabu mill-bejjiegħ:** apparti l-kwistjonijiet ġenerali dwar ir-raġuni għaliex dan għandu jkun dmir u għaliex l-eżerċizzju ta' rimedju għandu jiddependi fuq in-notifika, f'termini iktar konkreti ġiet diskussa l-kwistjoni tal-perjodu tan-notifika. Sentejn tqiesu bħala perjodu aċċettabbli minn xi ftit esperti iżda mhux minn oħrajn.

<u>Id-dritt ta' l-irtirar</u>

Ir-regoli orizzontali dwar l-*eżerċizzju* u l-*effetti* tad-dritt ta' l-irtirar imfassla fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar il-Bejgħ Bieb Bieb[4], il-Bejgħ mill-Bogħod[5] u tat-*Timeshare*[6] ġew diskussi. Il-kwistjonijiet ewlenin ikkonċernati:

---

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985, ĠU L 372, 31.12.1985, p. 31

- **L-ambitu ta' l-applikazzjoni:** ir-regoli proposti kieku japplikaw kull meta parti jkollha dritt statutorju li tirtira minn kuntratt. L-esperti tal-partijiet interessati indikaw li għandu jiġi ċċarat li r-regoli japplikaw biss għal tranżazzjonijiet minn negozji għal konsumaturi (B2C – *Business to Consumer*)

- **Eżerċizzju tad-dritt ta' l-irtirar:** skond ir-regola proposta, il-parti intitolata li tirtira ma għandhiex tagħti raġunijiet għall-eżerċizzju effettiv tad-dritt tagħha jew li tkun soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi Xi esperti tal-partijiet interessati ġibdu l-attenzjoni lejn il-fatt li dikjarazzjoni mingħajr għamla ma għandhiex tkun possibbli għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza legali u li rekwiżit minimu ta' għamla għandu japplika.

- **Perjodu ta' irtirar:** xi esperti ta' partijiet interessati kkuntestaw ir-raġunament wara l-introduzzjoni ta' tul uniformi wieħed applikabbli għall-perjodi kollha eżistenti ta' *cooling-off* u sabu l-perjodu propost ta' 14-il jum twil wisq. Xi wħud argumentaw biex iżommu d-diverġenzi eżistenti f'dan il-qasam.

- **Limiti ta' żmien għall-irtirar:** il-maġġoranza ta' l-esperti tal-partijiet interessati appoġġaw il-ħtieġa li jkun hemm limitu ta' żmien massimu għall-eżerċizzju tad-dritt ta' l-irtirar sabiex titħares iċ-ċertezza legali fuq in-naħa tal-professjonisti.

<u>Dritt tal-konsumaturi għal rikompens għall-ħsara u r-responsabbiltà tal-produtturi</u>

L-iktar kwistjonijiet importanti li ġew diskussi kienu li ġejjin:

- **Il-kunċett ta' responsabbiltà stretta kontra l-kunċett ta' tort:** ir-reġim propost ta' responsabbiltà stretta b'għadd ta' raġunijiet għall-eżonerazzjoni (tort tal-vittma, tort ta' parti terza jew *force majeure*) ġie kkuntestat minn xi esperti tal-partijiet interessati, li jemmnu li għandu jkun hemm element ta' tort bħala kundizzjoni għar-responsabbiltà tal-ħsara

- **L-inklużjoni tan-nuqqas ta' profitti futuri u telf mhux finanzjarju:** il-maġġoranza ta' l-esperti tal-partijiet interessati qablu li l-kunċett ta' ħsara għandha tkopri t-telf effettiv kif ukoll in-nuqqas ta' profitti futuri; dwar il-kwistjoni ta' jekk il-kunċett ta' kumpens ta' ħsara għandux ikopri wkoll it-telf li mhux finanzjarju, ma ntlaħaqx konsensus

- **Ir-responsabbiltà tal-produtturi:** il-kwistjoni tqieset importanti għaliex illum il-biċċa l-kbira mit-tranżazzjonijiet isiru internazzjonalment u l-konsumaturi rari jkunu jgħixu fl-istess pajjiż bħall-manifattur (jew il-bejjiegħ) ta' l-oġġetti mixtrija. Madankollu, dan iqajjem ħafna diffikultajiet legali u prattiċi. Skond l-esperti tal-partijiet interessati, il-konsumatur għandu jkun jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu biss kontra l-produttur u mhux kontra kull intermedjarju fil-

---

[5] Id-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Mejju 1997, ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19.

[6] Id-Direttiva 94/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 1994, ĠU L 280, 29.10.1994, p. 83.

katina tan-negozju. Il-fatt li l-intermedjarji u l-aġenti tal-produttur li jgħixu fl-Istat Membru tal-konsumatur jistgħu jinżammu responsabbli wkoll ġie kkuntestat mill-esperti tal-partijiet interessati. Il-kwistjonijiet l-oħra li tqajmu inkludew ir-responsabbiltà għall-provi, il-limitu ta' żmien biex jiġi eżerċitat id-dritt tal-konsumatur u r-responsabbiltà fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti użati.

3.2. *Workshops* dwar partijiet oħra ta' l-*acquis* ta' l-UE dwar il-liġi kuntrattwali

Għadd ta' *workshops* li kkonċernaw *acquis* tal-liġi kuntrattwali li mhijiex iffukata fuq il-konsumatur saru qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni li tingħata prijorità lill-*acquis* tal-konsumatur. Il-kwistjonijiet ewlenin diskussi fil-*workshops* tal-konsumatur jinsabu hawn taħt.

Il-liġi ta' l-assikurazzjoni

Il-punti li ġejjin huma eżempji tal-kwistjonijiet speċifiċi li ġew diskussi:

- **Dmir għall-għoti ta' informazzjoni (applikant)**: kien hemm diskussjoni dwar fejn tinsab ir-responsabbiltà fid-dmir li tingħata l-informazzjoni. Xi esperti tal-partijiet interessati ħassew li d-dmir għandu jaqa' fuq l-assiguratur li jistaqsi l-mistoqsijiet rilevanti kollha, filwaqt li oħrajn ħassew li applikant għandu jkollu d-dmir li jagħti l-informazzjoni rilevanti kollha li ma tintalabx. L-argumenti rrappreżentaw il-bilanċ bejn kwestjonarju enormi li jinkludi kollox, u r-riskju għall-applikant li ma għandux kopertura jekk ikun nesa li jsemmi xi ħaġa li tkun titqies bħala rilevanti - it-tnejn li huma jistgħu jkunu ta' xkiel għal nies li jridu jiksbu assigurazzjoni

- **Dmir għall-għoti ta' informazzjoni (assiguratur):** l-abbozz tar-riċerkaturi rrikjeda lill-assiguratur li jiġbed l-attenzjoni lejn nuqqasijiet bejn il-kopertura mitluba mill-applikant u l-kopertura offruta. Ħafna esperti tal-partijiet interessati ħassew li dan jimponi dmir għall-għoti ta' pariri, li seta' jqum ħafna flus, u ma jkunx mixtieq. Idaħħal ukoll element qawwi ta' soġġettività. Huma ppreferew dmir li l-polza tiġi spjegata, u mbagħad ikun f'idejn l-applikant li jiddeċiedi jekk hijiex adatta.

- **Limiti ta' żmien għall-invalidar**: l-esperti tal-partijiet interessati ġeneralment qablu li l-limitu propost ta' xahar għar-revoka tal-kuntratt fil-każ ta' ksur tad-dmir għall-għoti ta' informazzjoni kien qasir wisq, u ħassew li fil-każ ta' ksur b'ingann ma għandu japplika ebda limitu ta' żmien.

Il-kummerċ elettroniku

Il-punti li ġejjin huma eżempji tal-kwistjonijiet speċifiċi li ġew diskussi:

- **Kuntratti mhux solliċitati**: ir-riċerkaturi u l-esperti tal-partijiet interessati ddiskutew jekk il-projbizzjoni tal-provvista ta' prodotti jew servizzi mhux solliċitati lil konsumatur, fejn din il-provvista tinvolvi domanda għall-ħlas, għandhiex tapplika wkoll għall-kuntratti B2B (*business to business*).

- **Id-dritt ta' l-irtirar:** l-esperti tal-partijiet interessati osservaw li d-definizzjonijiet li kien fiha d-dispożizzjoni ma kinux elaborati biżżejjed u li d-dispożizzjoni għandha terġa' tinkiteb. Kien hemm appoġġ għal dritt ta' rtirar

għal 14-il jum. Il-proposta li l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ikun jiddependi fuq ir-rieda tal-konsumatur li jġarrab l-ispejjeż ġiet ikkuntestata; ġie diskuss jekk dan id-dritt għandux japplika wkoll għal kuntratti B2B

- **Id-definizzjoni ta' komunikazzjonijiet elettroniċi "messaġġ li wasal fid-destinazzjoni, mibgħut u ttrasferit":** ir-riċerkaturi u l-esperti tal-partijiet interessati ddiskutew il-kwistjoni ta' f'liema waqt messaġġ għandu jitqies mibgħut jew riċevut. Ġie konkluż li jinħtieġu iktar kjarifiki u li strumenti internazzjonali fil-qasam tal-kummerċ elettroniku għandhom jitqiesu.

3.3. *Workshops* dwar il-liġi kuntrattwali ġenerali

Il-kwistjonijiet ewlenin diskussi fil-*workshops* dwar il-liġi kuntrattwali ġenerali jinsabu hawn taħt. Il-Kummissjoni se tqis dawn il-kwistjonijiet matul il-proċess ta' elaborazzjoni tas-CFR.

Kontenut u effett tal-kuntratt

Il-punti li ġejjin huma eżempji tal-kwistjonijiet speċifiċi li ġew diskussi:

- **Dikjarazzjonijiet li jwasslu għal obbligi kuntrattwali:** l-esperti tal-partijiet interessati esprimew il-ħtieġa li jiddefinixxu b'mod ċar meta dikjarazzjoni twassal għal obbligu kuntrattwali. Ġie diskuss jekk id-dispożizzjoni proposta, safejn tikkonċerna d-dikjazzjonijiet prekuntrattwali li jorbtu dwar il-kwalità jew l-użu ta' prodotti jew servizzi, għandhiex tkopri biss relazzjonijiet B2C jew ir-relazzjonijiet B2B ukoll

- **Termini ta' kuntratt:** in-natura u l-effett tat-termini implikati ġew diskussi. L-esperti tal-partijiet interessati ħassew li dispożizzjonijiet mhux preċiżi għandhom jiġu evitati. Ir-riċerkaturi ġibdu l-attenzjoni lejn il-fatt li f'din id-dispożizzjoni, l-ambigwità ma tkunx ta' ħsara għax id-dispożizzjoni suppost kellha tkun regola awtomatika dwar il-kuntratti fejn ma jkun hemm ebda terminu implikat għal kuntratti speċifiċi f'leġiżlazzjoni speċifika

- **Stipulazzjoni favur ta' parti terza:** il-kwistjoni ta' l-effetti tal-kuntratt favur ta' parti terza ġiet diskussa u ġie konkluż li jeħtieġ iktar riflessjoni dwar iċ-ċirkostanzi li fihom il-parti terza tkun tista' sserraħ fuq l-istipolazzjoni.

L-Awtorità ta' l-Aġenti

Ir-riċerkaturi qalu li l-abbozz dwar l-awtorità ta' l-aġenti għandu jinkiteb mill-ġdid sabiex jirrifletti żviluppi riċenti li seħħu fl-Istati Membri u possibbilment jinkludi regoli speċifiċi dwar il-ħarsien tal-konsumatur. Għadd ta' kwistjonijiet oħra ġew diskussi fil-*workshop*, partikolarment:

- **L-użu tat-terminoloġija "*aġent*" u "*rappreżentant*"**: l-esperti tal-partijiet interessati ġibdu l-attenzjoni lejn il-ħtieġa għal terminoloġija koerenti u li t-termini għandhom jintużaw biss kif definiti fis-CFR. Ir-***riċerkaturi*** spjegaw li anness mas-CFR se jkun fih lista tad-definizzjonijiet tat-termini użati.

- **Id-distinzjoni bejn rappreżentazzjoni diretta u indiretta**: ir-riċerkaturi spjegaw li rappreżentazzjoni diretta biss tista' torbot lill-prinċipal, għaliex huwa jaġixxi "*f'isem*" il-prinċipal, filwaqt li rappreżentant indirett jaġixxi "*minflok*" (*on behalf of*) il-prinċipal. L-idea wara r-rappreżentazzjoni indiretta tkun il-ħarsien tal-prinċipal, pereżempju f'sitwazzjonijiet fejn ir-rappreżentant isir insolventi wara li jikkonkludi affari. Xi partijiet interessati tefgħu dubji fuq l-utilità tar-regola. Ġie konkluż li jeħtieġ li jkun hemm iktar riflessjoni fuq l-interessi li jixraq li jitħarsu fil-każijiet ta' nuqqas ta' twettiq jew insolvenza min-naħa tar-rappreżentant.

4. L-ISTRUTTURA TAS-CFR – IR-RIŻULTATI TAL-*WORKSHOPS* MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ISTATI MEMBRI

Saru diskussjonijiet preliminari dwar l-istruttura tas-CFR f'żewġ *workshops*, waħda bl-esperti tal-partijiet interessati u l-oħra ma' l-esperti ta' l-Istati Membri. Fil-*workshop* ta' l-esperti tal-partijiet interessati fid-29 ta' Novembru 2005 kien hemm konsensus emerġenti li s-CFR għandu jkun fih is-suġġetti marbuta direttament ma' l-*acquis* eżistenti ta' l-UE dwar il-liġi kuntrattwali flimkien ma' kwistjonijiet tal-liġi kuntrattwali ġenerali li huma rilevanti għall-*acquis*. L-esperti tal-partijiet interessati talbu wkoll għal aktar definizzjonijiet u ġibdu l-attenzjoni lejn il-ħtieġa għal formolazzjonijiet alternattivi għal ċerti definizzjonijiet/regoli mudelli. Fl-aħħarnett, l-esperti tal-partijiet interessati qiesu li d-distinzjoni bejn il-B2B u l-B2C għandha tkun espressa b'mod iktar ċar fl-abbozz tas-CFR.

L-esperti ta' l-Istati Membri waslu għall-konklużjonijiet simili f'*workshop* fid-9 ta' Diċembru 2005, iżda b'xi differenzi. Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri xtaqu jkopru l-liġi kuntrattwali flimkien mal-partijiet tal-liġi kuntrattwali ġenerali li huma rilevanti għall-*acquis* tal-konsumatur. Xi wħud xtaqu jinkludu wkoll kwistjonijiet oħra tal-liġi kuntrattwali ġenerali u oħrajn xtaqu jiffokaw esklussivament fuq l-*acquis* tal-konsumatur.

5. KONTRIBUT LIX-XOGĦOL PREPARATORJU

5.1. Kontribut mill-Forum Ewropew ta' Diskussjoni

L-ewwel Forum Ewropew ta' Diskussjoni, organizzat mill-Presidenza tal-Kunsill tar-Renju Unit u l-Kummissjoni, li laqqa' flimkien għall-ewwel darba r-riċerkaturi, is-CFR-net, in-netwerk ta' esperti ta' l-Istati Membri, rappreżentanti għolja tan-negozju u l-konsumaturi, kif ukoll Ministri, uffiċjali għolja, u Membri tal-Parlament Ewropew, seħħ f'Londra fis-26 ta' Settembru 2005. Din il-konferenza kkonfermat il-ħtieġa biex il-ħidma tiġi pprijoritizzata fuq is-CFR sabiex l-ewwelnett tikkontribwixxi b'mod effiċjenti u effettiv lejn ir-reviżjoni ta' l-*acquis* tal-konsumatur ta' l-UE.

Din il-konferenza ġiet segwita bit-Tieni Forum Ewropew ta' Diskussjoni fi Vjenna fis-26 ta' Mejju 2006, organizzata mill-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill, fejn ġie mtenni l-appoġġ għall-iffokar fuq kwistjonijiet tal-konsumatur ta' l-UE. Konsensus li s-CFR għandu wkoll ikopri suġġetti ta' liġi kuntrattwali ġenerali ħareġ ukoll. Fit-Tielet Forum Ewropew ta' Diskussjoni, organizzat mill-Presidenza Ġermaniża tal-

Kunsill fi Stuttgart fl-1 ta' Marzu 2007, il-Presidenza kkonkludiet li kien hemm appoġġ ġenerali għal CFR li jipprovdi lil-leġiżlaturi Ewropej b'kaxxa ta' l-għodda li tinkludi l-*acquis,* u li d-deċiżjonijiet dwar il-kontenut tas-CFR huma kwistjoni importanti għal kunsiderazzjoni politika.

5.2. Kontribut minn istituzzjonijiet oħrajn

5.2.1. Il-Kunsill

Il-Kunsill tal-Kompetittività qabel ma' l-approċċ meħud fl-Ewwel Rapport dwar il-Progress u partikolarment il-prijoritizzazzjoni tal-kwistjonijiet marbuta mar-reviżjoni ta' l-*acquis* tal-konsumatur ta' l-UE fil-konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Novembru 2005. Huwa enfasizza l-ħtieġa għall-ħidma biex tiffoka fuq kwistjonijiet prattiċi sabiex jitwasslu benefiċċji prattiċi lill-konsumaturi u n-negozji u l-ħtieġa biex tiġi rikonoxxuta d-distinzjoni bejn kuntratti bejn negozju u konsumatur u kuntratti bejn negozju u ieħor. Laqa' wkoll ir-rassikurazzjoni tal-Kummissjoni li mhux biħsiebha tipproponi Kodiċi Ċivili Ewropew.

5.2.2. Il-Parlament Ewropew

Il-Parlament Ewropew (PE) adotta riżoluzzjoni fit-23 ta' Marzu 2006 li fiha laqa' l-Ewwel Rapport dwar il-Progress u esprima l-appoġġ tiegħu għall-proġett CFR. Il-Parlament Ewropew enfasizza l-ħtieġa għall-ħidma tas-CFR biex issegwi linji ta' gwida ċari stipulati mil-leġiżlazzjoni tal-KE u qies li s-CFR ikun jista' jiġi adottat finalment wara approvazzjoni politika mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Il-Parlament Ewropew sejjaħ lill-Kummissjoni biex taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib kemm jista' jkun mal-Parlament Ewropew f'kull pass li jittieħed lejn l-iżvilupp ta' CFR u biex tikkonsulta lill-Parlament Ewropew partikolarment dwar l-abbozz ta' l-istruttura tas-CFR u qabel tieħu kwalunkwe miżura ulterjuri ta' ppjanar. Bħall-Kunsill, il-Parlament Ewropew sejjaħ lill-Kummissjoni biex tiddistingwi bejn dispożizzjonijiet legali applikabbli għas-setturi B2B u B2C u biex tifridhom sistematikament.

Fl-aħħarnett, ir-riżoluzzjoni ħabbret it-twaqqif ta' grupp parlamentari ta' ħidma magħmul minn membri tal-Kumitat ta' l-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew u l-Kumitat tas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur. Dan il-grupp ta' ħidma jipprovdi forum għad-diskussjoni ta' suġġetti indirizzati mir-riċerkaturi u l-esperti tal-partijiet interessati li l-Parlament Ewropew iqis importanti li jipprovdi gwida politika għalihom. Il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma jitħejjew minn tim tal-proġett li jikkonsisti minn uffiċjali tal-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni tieħu sehem f'dawn il-laqgħat. S'issa diġà saru bosta laqgħat. Is-suġġetti diskussi inkludew kwistjonijiet bħall-kunċett ta' konsumatur u professjonist u termini inġusti ta' kuntratt.

Bi tweġiba għar-rikjesta tal-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu li ssir dijagramma sekwenzjali li tidentifika b'mod ċar il-partijiet differenti kollha involuti fil-proċess tas-CFR, il-Kummissjoni fasslet din id-dijagramma fl-Anness.

Fis-7 ta' Settembru 2006, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni oħra dwar il-Liġi Kuntrattwali Ewropea fejn esprima appoġġ għat-tħejjija ta' proġett CFR wiesa' li jkopri kwistjonijiet ġenerali tal-liġi kuntrattwali u mhux biss il-liġi kuntrattwali tal-

konsumatur, li l-Kummissjoni għandha tissokta b'mod parallel mar-reviżjoni ta' l-*acquis*.

6. KONKLUŻJONIJIET

Safejn hija kkonċentrata l-liġi kuntrattwali tal-konsumatur ta' l-UE, is-sejbiet CFR rilevanti se jiġu inkorporati fejn xieraq fir-reviżjoni ta' l-*acquis* tal-liġi kuntrattwali tal-konsumatur ta' l-UE, li dwarha l-Kummissjoni adottat *Green Paper* fis-7 ta' Frar 2007. Il-*Green Paper* tiddeskrivi l-għażliet għal reviżjoni possibbli ta' l-*acquis* tal-liġi kuntrattwali tal-konsumatur ta' l-UE.

Skond l-idea oriġinali, is-CFR hija maħsuba li tkun "kaxxa ta' l-għodda" jew manwal għall-Kummissjoni u l-leġiżlatur ta' l-UE biex tintuża fir-reviżjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti u fit-tħejjija ta' leġiżlazzjoni ġdida fil-qasam tal-liġi kuntrattwali. Il-qafas ta' żmien attwali ta' tħejjija jipprevedi li r-riċerkaturi jippreżentaw l-abbozz tas-CFR tagħhom fi tmiem l-2007. Il-Kummissjoni jeħtiġilha tagħżel bir-reqqa ħafna l-partijiet ta' dan l-abbozz li jikkorrispondu ma' l-għanijiet leġiżlattivi komuni. Dan il-proċess ta' għażla jeħtieġ li jsir f'konsultazzjoni ma' l-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati l-oħra. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-partijiet ta' l-abbozz tar-riċerka magħżula għas-CFR (u possibbilment modifikati) ikunu koerenti ma' xulxin u mas-segwitu tal-*Green Paper*. Wara li tanalizza r-riżultati tal-proċess ta' konsultazzjoni, telabora l-abbozz tas-CFR, u twettaq stima ta' l-impatt, il-Kummissjoni tkun tista' tippreżenta l-istrateġija tagħha f'għamla ta' *White Paper*.

Madankollu, suġġett ieħor jikkonċerna l-ambitu tas-CFR li jeħtieġ jiġi deċiż issa sabiex jiggwida l-ħidma futura fuq is-CFR, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu, partikolarment, kemm il-ħidma futura fuq is-CFR se tkopri wkoll suġġetti li jikkonċernaw oqsma oħra ta' l-*acquis* ta' l-UE dwar il-liġi kuntrattwali u kwistjonijiet rilevanti direttament tal-liġi kuntrattwali ġenerali minbarra l-liġi kuntrattwali tal-konsumatur.

Matul il-ħidma fuq is-CFR u l-proċess konsultattiv li għaddej, bosta ilħna (l-esperti tas-CFR-net, għadd ta' Stati Membri) kienu ta' l-idea li jiġu inklużi ċerti kwistjonijiet tal-liġi kuntrattwali ġenerali li huma rilevanti għall-*acquis* eżistenti ta' l-UE dwar il-liġi kuntrattwali.

Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-2006, diġà ġibed l-attenzjoni lejn l-importanza ta' dan il-proġett u sejjaħ lill-Kummissjoni biex tieħu sehem kumplessiv f'din il-ħidma. Huwa sejjaħ ukoll lill-Kummissjoni biex tisfrutta l-ħidma ta' riċerka li għaddejja bil-ħsieb li eventwalment tuża r-riżultati - mhux biss dawk strettament marbuta ma' l-*acquis* ta' l-UE dwar il-konsumatur – biex tiżviluppa sistema ta' liġi ċivili Komunitarja. Fir-riżoluzzjoni ta' Settembru huwa tenna l-appoġġ tiegħu għat-tħejjija ta' proġett CFR wiesa' li jkopri kwistjonijiet ġenerali tal-liġi kuntrattwali li jmorru lil hinn mill-qasam tal-ħarsien tal-konsumatur, li l-Kummissjoni għandha tkompli twettaq b'mod parallel mar-reviżjoni ta' l-*acquis*.

Il-Kummissjoni tqis li s-CFR huwa strument regolatorju aħjar. Huwa eżerċizzju fit-tul bil-għan li jiżgura konsistenza u kwalità tajba fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE fil-qasam tal-liġi kuntrattwali. Dan jintuża biex jipprovdi definizzjonijiet ċari ta' termini legali, prinċipji fundamentali u regoli moderni koerenti tal-liġi kuntrattwali fir-reviżjoni ta'

leġiżlazzjoni settorjali eżistenti u fil-ħolqien ta' leġiżlazzjoni settorjali ġdida fejn tkun identifikata din il-ħtieġa. L-ambitu mhuwiex wieħed ta' armonizzazzjoni fuq skala kbira tal-liġi privata jew kodiċi ċivili Ewropew.

Minħabba l-interess tal-Kunsill u tal-Parlament u x-xewqa tagħhom li jiġu involuti mill-qrib, jixraq li l-Kummissjoni tkun taf il-pożizzjoni taż-żewġ istituzzjonijiet. Il-Parlament Ewropew diġà ppreżenta l-pożizzjoni tiegħu dwar is-suġġett permezz tar-riżoluzzjonijiet tiegħu. Il-Kummissjoni qed tressaq dan ir-rapport ta' progress quddiem il-Kunsill, u issa qed titlob il-pożizzjoni tiegħu dwar il-bqija tal-ħidma fuq is-CFR, li tista' tkopri għadd ta' *workshops* marbuta ma' partijiet oħra ta' l-*acquis* ta' l-UE dwar liġi kuntrattwali bħar-rekwiżiti ta' l-informazzjoni, il-*marketing* u d-distribuzzjoni fil-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji jew dewmien fil-ħlas ta' flus (inkluż il-kwistjoni taż-żamma ta' klawżoli tat-titoli), u ma' kwistjonijiet tal-liġi kuntrattwali ġenerali bħar-rekwiżiti formali, il-validità u l-interpretazzjoni tal-kuntratt f'każ ta' frodi, żbalji u rappreżentazzoni ħażina.


PROVIDES COMMISSION WITH POLITICAL INPUT ON CFR THROUGH A DEDICATED WORKING GROUP
PROVIDES FEED-BACK ON CFR WORK TO COUNCIL, PARLIAMENT AND THE PUBLIC THROUGH ANNUAL PROGRESS REPORTS
PROVIDES COMMISSION WITH POLITICAL INPUT ON CFR
European Parliament
Council
COMMISSION
COMMON FRAME OF REFERENCE
MS Experts network
PROVIDES COMMISSION WITH POLITICAL INPUT ON CFR DRAFT WORK PACKAGES
CFR-net
Researchers
PROVIDES COMMISSION AND RESEARCHERS WITH PRACTICAL TECHNICAL INPUT ON CFR DRAFT WORK PACKAGES
SUBMITS PERIODICALLY TO COMMISSION AND CFR -NET CFR DRAFT WORK PACKAGES & AT END 2007 FINAL DRAFT CFR TO THE COMMISSION